MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2006

Numru. 16/2001
Kawza Numru. 109

**Il-Pulizija**

**(Supt. Neil Harrison)**

**vs**

**Anthony Debattista**

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra Anthony Debattista, iben Anthony u Mary nee' Spiteri, karta tal-identita' numru 4130884 (G) kif ravvizati a fol. 2 tal-process, u cioe:

Talli f'dawn il-Gzejjer fil-lejl ta' bejn 13 u 14 ta' April 2001 u fl-ahhar granet qabel din d-data:

a) kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta u psikotropika (Ecstasy) meta ma kienx awtorizzat kif imiss, bi ksur tar-Regolament 5(1) tal-Avviz Legali 22 tal-1985 kif

sussegwentement emendat u 40A u 120A u t-tielet skeda tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap 31 tal-ligijiet ta' Malta, u l-artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

b) kellu fil-pussess tieghu l-pjanta Cannabis kolha jew parti minnha bi ksur tal-artikolu 8(d) tal-Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat l-ordni tal-avukat generali skond il-Kap 31 u l-Kap 101 sabiex l-imputat jitressaq quddiem din il-Qorti biex iwiegeb ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu;

Semghet il-provi kif ukoll l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tat-8 ta' Novembru 2006;

Rat l-atti tal-kawza;

Ikkunsidrat illi l-prosekuzzjoni ressqet lill-imputat quddiem dina l-Qorti wara li kien intercettat waqt raid fi flat f'Ghawdex. Huwa intlemah jarmi xi haga malli ra lill-Pulizija u dawn irrizultaw li kienu sitt pilloli Ecstasy u bicca rasa tal-Cannabis. Aktar tard matul dawn il-proceduri l-imptuat ammetta l-akkuzi. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat kien qal illi mis-sitt pilloli, tnejn kienu ghall-uzu tieghu u l-erba l-ohra kien xtrahom ghall-hbiebu li kienu hallsuh bil-quddiem. L-ammissjoni hija ghalhekk wahda li tikkonferma l-alegazzjoni tal-prosekuzzjoni u l-imputat qieghed b'hekk jinstab hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu;

Rat l-artikoli, 5(1) AL 22 tal-1985, 40A u 120A tal-Kap 31, 16 tal-Att V tal-1985, 8 (d) u Taqsima VI inkluz l-artikolu 22 kif emendat u 29 tal-Kap 101

Rat il-fedina penali tal-imputat;

Bl-applikazzjoni tal-artikolu 29 ta' Kap 101, stante il-verbal tal-prosekuzzjoni li l-kundizzjonijiet tal-istess artikolu huma sodisfatti, tnaqqas il-piena bi grad u tikkundannah ghal

hlas ta' multa ta' Lm200 oltre li tikkundannah ghal-terminu ta' prigunerija ta' xahrejn (2) mil-lum, liema terminu ma jiddekorrix hlief jekk l-imputat jikkometti rejat iehor punibbli bi prigunerija sa zmien sena mil-lum skond l-artikolu 28A tal-Kap 9.

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza.

Todna –konfiska u distruzzjoni tad-droga esebita u innomina ghall-dan l-iskop lill-Ispizjar Mario Mifsud.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------